MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 157/2000/1

**Edwidge armla minn Roger Camilleri**

**vs**

**Gaetano Debattista bhala President, Stephen Saliba bhala Segretarju u Emanuel Fenech bhala Tezorier f'isem u in rappreżentanza tal-Hamrun Spartans Football Club**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Lulju, 2003 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors

Hija tikri lill-intimati nomine il-fond 42, Triq Dun Nerik Cordina Perez, (qabel kienet Broad Street), Hamrun,biex jintuza bhala s-sede tal-Hamrun Spartans Football Club bil-kera ta’ erba’ mija hamsa u ghoxrin lira u erbghin centezmu (Lm425.40) fis-sena, jithallas kull tliet xhur bil-quddiem, fl-1 ta’ Jannar, fl-1 ta’ April, fl-1 ta’ Lulju u fl-1 ta’ Ottubru ta’ kull sena, l-iskadenza li jmiss hija dik ta’ l-1 ta’ Jannar, 2001.

L-intimati nomine naqsu milli jhallsu l-kera kollha li ghalqet kull tliet xhur mill-1 ta’ Lulju 1989 sa l-1 ta’ Ottubru 2000, u dana ghamluh minkejja aktar minn zewg talbiet biex ihallsu, fosthom zewg ittri uffijcali, wahda tas-6 ta’ April 1999 u l-ohra tal-5 ta’ Awissu 1999, it-tnejn ipprezentati fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dana l-Bord joghgbu jawtorizzaha tiehu lura l-pussess ta’ l-imsemmi fond 42, Triq Dun Nerik Cordina Perez, (Broad Street), Hamrun, mikri lill-intimati nomine u ghal dan l-iskop jaghti lill-istess intimati nomine zmien qasir u perentorju ghall-izgumbrament, skond il-ligi.

Ra r-risposta

Illi r-rikorrenti innotifikat bl-ittri ufficjali li hemm indikati fir-rikors promotur persuni illi ma kellhomx ir-rapprezentanza tal-Hamrun Spartans Football Club dakinhar tan-notifika skond l-istess Statut tal-imsemmi klabb tal-futbol.

Illi r-rikorrenti se mai trid iggib quddiem il-Bord il-prova tan-notifika u lil minn innotifikat dawn l-ittri ufficjali indikati minnha skond il-ligi.

Illi l-pretensjonijiet tal-istess rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kera dovuta bhala arretrati mill-

Hamrun Spartans Football Club hija ferm anqas minn dik indikata fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dan il-Bord illi jichad it-talbiet tar-rikorrenti u dana bl-ispejjez kontra taghha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet u jordna l-isfilz tad-dokumenti ZZZ u ZZY billi dawn gew prezentati man-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti (ara rikors prezentat mill-intimati fl-4 ta’ Frar 2003) u mhux fil-waqt.

Ikkunsidra,

1. Il-kawzali f’dan ir-rikors hija wahda:

“l-intimati nomine naqsu milli jhallsu l-kera kollha li ghalqet kull tlett xhur mill-1 ta’ Lulju 1989 sa l-1 ta’ Ottubru 2000 u dan ghamluh minkejja aktar minn zewg talbiet biex ihallsu fosthom zewg ittri ufficjali, wahda tas-6 ta’ April 1999 u l-ohra tal-5 ta’ Awissu 1999, it-tnejn prezentati fil-Prim’Awla Tal-Qorti Civili.”

2. Il-Bord hassu fid-dmir li jezamina l-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet ‘Edwige Camilleri vs Victor Tedesco et (Prim’Awla) li giet prezentata fit-13 ta’ Settemrbu 1993 u marret dezerta fit-2 ta’ Settembru 1996. Fl-ittra ufficjali tas-6 ta’ April 1999 issemiet skrittura li ma gietx prezentata imma li tinsab fl-atti ta’ l-imsemmija kawza fejn inter alia gie stipulat li l-kiri kien:

“ghall-perjodu ta’ hames (5) snin dekoribbli mill-1 ta’ Marzu 1979. L-inkwilini jirriservaw id-dritt illi wara l-iskadenza ta’ dan il-perjodu huma jipprorogaw l-istess lokazzjoni ghall-perjodi sussegwenti ta’ hames (5) snin il-wiehed, b’dan illi f’kull proroga l-kera jigi awmentat bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) fuq il-kera tal-perjodu precedenti”. Ghalhekk il-kera tal-fond jigi

| | | |
|---|---|---|
| 1979 - | 1984 | Lm350 |
| 1984 - | 1989 | Lm367.50 |
| 1989 - | 1994 | Lm385.80 |
| 1994 - | 1999 | Lm405.10 |
| 1999 - | 2004 | Lm425.40 |

3. Ghalhekk il-kera imsemmi fir-rikors hu korrett kuntrarju ghal dak li jinghad fir-risposta (para 3).

4. Fil-kawza msemmija kien intalab l-ammont ta' Lm1805.33 kera ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1989 – 1 ta' Jannar 1994. L-intimati kienu gew notifikati fit-3 ta' Dicembru 1993. In-nota ta' l-eccezzjonijiet giet prezentata fis-16 ta' Dicembru 1993. Mill-atti jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 1994 kien hemm possibilita' ta' ftehim. Wara bdew isiru pagamenti b'certa rata, dejjem skond l-atti.

5. Bl-ittra uffijcali tat-13 ta' Settembru 1991 li l-Bord ra, ir-rikorrenti gharrfet lill-club li b'sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla kien gie kkundanat li jhallas Lm920 (sic) arretrati ta' kera u hallas biss Lm500. Saret fl-istess ittra ufficjali interpellazzjoni ghall-kera mill-1 ta' Lulju 1988 – 1 ta' Lulju 1991. L-ittra giet notifikata fl-20 ta' Settembru 1991. Dak li jinghad fir-rikors dwar nuqqas tal-hlas 'tal-kera' kollu hu ezatt.

6. Hu car li l-club ghal snin twal mhux qed ihallas il-kera. Din l-imgieba tirrizulta mill-atti msemmija li r-rikorrenti ssemmi fl-affidavit taghha.

7. Fir-rikors bhala intimati ma kienx hemm htiega li jissemmew ufficjali tal-club. Kien ikun bizzejjed li jissema l-club u dan jigi notifikat lill-wiehed mill-ufficjali. L-intimati jikkontestaw l-ittri ufficjali tas-6 ta' April 1999 u tal-5 ta' Awissu 1999. Minn dokumenti li ressaq l-abili difensur ta' l-intimati jirrizulta minn kienu l-persuni li qed jaqdu d-dmir ta' ufficjali tal-kazin. Dan id-dokument gie biss prezentat u hadd ma ttella jixhed fuqu minkejja li l-intimati nghataw iz-zmien kollu li riedu biex itellghu xhieda imma l-ghan taghhom kien biss li jtellfu z-zmien u kien biss fin-nota ta'

sottomissjonijiet li bdew jaqilghu n-nullitajiet li l-Bord qed jichad. Xorta l-piz tal-prova jaqa’ fuq ir-rikorrenti.

8. Jirrizulta li (1) saret kawza fit-13 ta’ Settembru 1993 u intalab hlas ghall-perjodu 1 ta’ Lulju 1989 – 1 ta’ Jannar 1994 u thallas biss parti mill-kera; (2) l-ittra ufficjali tirreferi ghal parti tal-perjodu imsemmi fil-kawza u ma tistax titqies bhala interpellazzjoni ohra, (3) l-ittra ufficjali tas-6 ta’ April 1999 tirreferi fost hwejjeg ohra ghall-iskdadenza tal-31 ta’ Marzu 1999. (Il-Bord permezz tar-registratur tal-qrati ezamina l-original billi l-kopja mhix awtentikata. (4) ittra ufficjali tal-5 ta’ Awissu 1999 fejn inter alia tissemma l-iskadenza tal-31 ta’ Gunju 1999, (5) inkitbu skond ir-rikorrenti diversi ittri ghall-hlas li bl-ebda mod ma gew kontestati.

9. L-artikolu 9 (a) (i) jipprovdi illi sid il-kera ghandu dritt jirriprendi l-pussess tal-fond lokat “jekk il-kerrej, fil-kors tal-kiri ta’ qabel, ma jkunx hallas puntwalment il-kera”. Puntwalita’ jew ahjar nuqqas taghha mfissra mill-ligi fis-sens illi s-sid dwar kull wahda minn zewg skadenzi jew izjed kien interpella lill-kerrej biex ihallas u dan ikun naqas milli jghamel dan fi zmien hmistax-il jum mill-interpellazzjoni.

“Huwa car mill-qari ta’ dan id-dispost illi l-morizita’ ma hijiex proprjament nuqqas ta’ hlas ‘sic et simpliciter’, imma nuqqas ta’ hlas fit-termini, preskritti, dekorribbli mill-interpellazzjoni (Vol XLVII-1-287).”

“Il-ligi ghalhekk ma tippenalizzax id-dewmien izda n-nuqqas tal-osservanza ta’ l-interpellazzjoni ghall-hlas. Wiehed allura jrid per forza jara u jaccerta ruhu jekk saritx l-interpellazzjoni u fuq kollox jekk din saritx skond il-ligi, in kwantum jekk jirrizulta li din ma saritx, jew tinstab kontestata, allura ma tkunx tista’ imbaghad tipproduci ebda konsegwenza. “(*Briffa vs Buttigieg, Appell Mill-Bord li Jirregola l-Kera, 2/6/03*)”.

“F’kazi bhal dawn trid tittiehed in konsiderazzjoni l-imgieba tal-kerrej” (‘Harding vs Curmi’, Appell Mill-Bord li Jirregola l-Kera, 24/1/97).”

10. F’dan il-kaz jirrizultaw aktar minn zewg interpellazzjonijiet, saru n-notifiki u l-kera ma thallasx. Anki jekk jigi accettat id-dokumenti dwar il-bidla ta’ ufficjali l-ewwel ittra ufficjali giet notifikata lil Dottor Farrugia Sacco li kien ufficjal tal-club. Dak li titlob il-ligi hu sodisfatt. Jekk l-intimati, kif jghidu fir-rikors ma jaqblux fuq l-ammont tal-kera ma jistghux jaqbdu u ma jhallsux.

11. L-Art 3 tal-Kap 69 jghid li

“Sid il-kera ta’ xi fond ma jistax, meta jghalaq iz-zmien tal-kiri (sew jekk dan iz-zmien ikun skond il-ftehim, legali, skond l-uzu jew imnissel mid-dispozizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza) jirrifjuta li jgedded il-kiri jew li jgholli l-kera jew li jghamel kondizzjonijiet godda ghat-tigdid tal-kiri minghajr il-permess tal-Bord”.

12. Mill-iskrittura li tinsab fil-process “Camilleri vs Tedesco et”, fuq imsemmija u li ma gietx prezentata f’dawn il-proceduri (kif imissu sar minn avukat li jaf l-affarijiet tieghu) jirrizulta li l-kirja taghlaq fl-1 ta’ Marzu 2004. Il-Bord ghandu kompetenza li jghati permess lis-sid biex ma <u>jgedditx</u> il-kirja mhux li <u>jittermina</u> l-kirja. Ghalhekk f’dan il-kaz fejn hemm ftehim legali l-Bord jista’ jaghti biss il-permess li l-kirja ma tiggedditx fl-1 ta’ Marzu 2004 (*ara ‘Caruana vs Right Deal Limited et, P.A. 16/6/00, ceduta fl-Appell*).

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza li ma ggedditx il-kirja fl-1 ta’ Marzu 2004. L-ispejjez jithallsu mill-Hamrun Spartans Football Club.”

L-intimati appellaw minn din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

1. Il-prezentazzjoni ta’ kopji fototstatici ta’ l-ittri ufficcjali ma jikkostitwux prova u dippju l-Bord ma kellux jaghmel hu l-provi dwarhom ghax dan kien jispetta lill-parti rikorrenti;

2. Il-Club ma giex imharrek skond ir-rapprezentanza tieghu kif mahsuba fl-istatut tieghu;

3. Il-Bord ikkommetta difett procedurali meta zammhom milli jtellghu xhieda biex jippruvaw illi l-persuni notifikati bl-ittri ufficjali ma kellhomx ir-rapprezentanza tal-Club;

4. Meta l-Bord ikkostata li l-kompetenza tieghu kienet dik li l-kirja ma tigix imgedda ma setax imbaghad imur oltre dan il-fatt u messu cahad it-talba gjaladarba, kif impostata, it-talba tal-appellata kienet wahda ghat-terminazzjoni tal-kirja;

5. Il-Bord injora r-rikors minnhom intavolat fil-21 ta' Lulju 2003 biex jigu akkordati l-permess jappellaw mid-digriet li cahdilhom it-talba ghall-produzzjoni tax-xhud rapprezentant tal-Malta Football Association. Skond l-appellanti dan ukoll kien jikkostitwixxi difett procedurali.

Qabel tghaddi ghal konsiderazzjoni ta' dawn l-aggravji din il-Qorti thoss li jkun opportun jekk taghti rezokont qasir tal-vicendi quddiem il-Bord in kwantu dawn kapaci jitfghu dawl fuq uhud mill-istess aggravji u, in partikolari, biex jillustraw il-varji tentattivi li saru mill-appellanti biex jirrestringu l-ispeditezza tal-kawza, anke bl-insistenza tal-produzzjoni ta' provi li la kienu rilevanti proceduralment, u dippju bla ebda skop ghal certu sustanza tal-kawza fejn il-meritu taghha kien konsistenti minn allegazzjoni ta' morozita` fil-hlas tal-kera.

Mill-verbali tal-atti tal-kawza quddiem il-Bord jirrizulta illi sa mill-udjenza tad-19 ta' April 2001 l-kawza thalliet ghall-provi kollha li kien fadal bl-intiza li wara dan il-Bord jiddiferixxi ghas-sentenza. Tali verbal mod jew iehor gie ripetut fl-udjenzi tat-12 ta' Gunju 2001, 25 ta' Settembru 2001 u 29 ta' Jannar 2002.

Fl-udjenza mbaghad tal-10 ta' April 2002 l-Bord gie informat mill-intimati min kienu r-rapprezentanti tal-Club u ntalab differiment ghall-eghluq tal-provi. Minhabba opposizzjoni tal-kontroparti din it-talba giet michuda u l-

kawza thalliet ghas-sentenza.  Xahar wara permezz ta' rikors prezentat fl-10 ta' Mejju 2002 l-intimati talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghall-istess skop tal-produzzjoni tal-prova dwar ir-rapprezentanza tal-Club. Din it-talba giet milqugha b'digriet tal-Bord tat-2 ta' Lulju 2002.  Gara pero` li fis-seduta sussegwenti tas-17 ta' Ottubru 2002 l-ebda provi ma gew prodotti u l-kawza giet differita mill-gdid ghas-sentenza.

B'rikors tal-5 ta' Dicembru 2002 l-intimati talbu li jipprezentaw nota tal-osservazzjonijiet.  Dan meta l-kawza kienet imhollija ghas-sentenza ghall-10 ta' Dicembru 2002.  Din it-talba ghalkemm giet michuda ghar-raguni li kif riskontrat mid-digriet tas-17 ta' Dicembru 2002 "ilu jintilef hafna zmien", xorta wahda kienet akkolta billi filwaqt li l-kawza regghet giet differita ghas-sentenza l-Bord akkorda l-fakolta` lill-partijiet li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, kif fil-fatt hekk jirrizulta li sar mill-kontendenti.

Is-sentenza ma nghatatx fit-23 ta' Jannar 2003, u allura fl-4 ta' Frar 2003 l-intimati ressqu rikors iehor biex jipproducu bhala xhud rapprezentant tal-Club.  Talba simili regghet giet ripetuta verbalment fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2003.  Din pero` giet michuda u l-kawza differita ghas-sentenza.  Jumejn qabel ma din inghatat fit-23 ta' Lulju 2003 l-intimati ntavolaw rikors iehor fil-21 ta' Lulju 2003 biex jigu koncessi jappellaw mid-digriet tac-cahda hekk moghti.

Huwa pacifiku illi l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba.  Huwa daqstant iehor pacifiku mill-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-andament tal-kawza hu mholli fid-diskrezzjoni tat-tribunal adit, u purke jkun assigurat illi l-parti tkun nghatat l-opportunita` tiddefendi ruhha, ma huwiex il-lok li sentenza tigi nficjata fuq allegazzjonijiet ta' difetti procedurali li, meta tiddistillahom, ma jurux ghajr hlief espressjoni ta' pretensjonijiet ntizi biex id-definizzjoni tal-kawza tissokta tigi ostakolata bla ebda gustifikazzjoni guridika.  Dan hu atteggjament li din il-Qorti ssibu reprivevoli.

Dan premess, din il-Qorti tibda biex tqis it-tieni u t-tielet aggravji kemm ghax dawn jinvolvu aspetti li jistghu jigu konsiderati flimkien kemm ghaliex gerarkikament jiehdu precedenza fuq dawk l-ohra sottomessi.

Fir-rigward ta’ dawn l-aggravji ma tistghax tinghata twegiba ahjar minn dik tal-estratt hawn taht migjub, mehud mid-decizjoni fl-ismijiet “**Angela Fenech –vs- Joseph Felice noe**”, Appell, 28 ta’ Frar 1997:-

“Dan l-appell ma hu xejn hlief kavill legalistiku ghal kollox insostenibbli fil-ligi. L-artikolu 181A tal-Kap 12 jiddisponi b’mod car “meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita` guridika, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp”. Dan ifisser illi jekk isem is-socjeta` (u dan ighodd ukoll ghal kull korp) li ndubbjament ghandha personalita` guridika distinta gie mnizzel sewwa mill-attrici – u fuq dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni – l-istess socjeta` tkun giet imharrka sew u xejn izjed ma hu mehtieg. Hu allura irrelevanti l-isem tal-persuna li hija ndikata bhala li ghandha r-rapprezentanza guridika ta’ dik is-socjeta`. Kemm jekk hi ndikata sewwa, kemm jekk hi ndikata zbaljatament, kemm jekk kellha effettivament ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` wahedha, kemm jekk kellha tali rapprezentanza ma’ haddiehor li ma jkunx gie maghha citat. Dawn huma dettalji li l-ligi ma tirrikjedix. Dan ghaliex, kontrarjament ghal dak li kienet il-posizzjoni qabel l-emendi, illum m’hijiex citata l-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, imma hi s-socjeta` nfisha, qua persuna guridika, b’isimha u taht isimha biss li tigi citata”.

Dan stabbilit ma jirrizultax illi l-Hamrun Spartans Football Club ma giex imbaghad validament notifikat kif hekk irid l-Artikolu 187 (4) tal-Kap 12. Dan jidher li hu accettat mill-appellanti li invece jilmentaw li fil-mument li giet intavolata l-azzjoni u l-ittri ufficjali kontestati ma gewx citati l-persuni kollha dikjarati skond l-istatut socjali tal-Club. Skond l-Artikolu 181A(2) il-persuni ndikati bhala rapprezentanti tal-

korp huma inter alia “kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex taghmel l-atti”.

Issa jekk wiehed jaccetta bhala validu d-dokument esebit mill-istess intimati a fol 30 ghandu jirrizulta bic-car illi ghal finijiet tar-rikors promotur dan gie validament notifikat lil rapprezentant idoneu tal-Club; effettivament, gew notifikati t-tliet persuni statutorjament rapprezentattivi tal-Club, tant li r-risposta ghar-rikors saret f’isimhom it-tlieta (fol 5). Jekk wiehed imbaghad iqis l-ittri ufficjali ghandu jirrizulta fic-cert illi kemm dik tas-6 ta’ April 1999 (fol 16) kemm dik tal-5 ta’ Awissu 1999 (fol 18) gew notifikati zgur lil wiehed fost it-tliet rapprezentanti tal-Club. Ghal fini ta’ l-Artikolu 187 (4) b’abbinament ta’ l-Art 181A dan kien jibbasta, u allura anke minn din l-ottika ma kien hemm l-ebda htiega ta’ produzzjoni ta’ xhieda jew provi ulterjuri biex isostnu jew isahhu dak li kien gja maghruf.

L-aggravji hawn ezaminati qeghdin ghalhekk jigu respinti.

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra wkoll flimkien l-ewwel u r-raba aggravji billi dawn jitrattaw sostanzjalment dwar l-istess ilment.

Ma jidherx li ghandu ghalfejn ikun wisq kontrovers illi kwalunkwe skritturi jew atti gjacenti fir-Registru jew fl-Arkivju tal-Qorti u li ghalihom ikun irrefera xi wiehed mill-kontestanti jistghu b’semplici riferiment iservu biex jistruwixxu kawza ohra. Li jfisser allura li m’hemmx il-htiega assoluta tal-esebizzjoni formali taghhom jew tal-allegazzjoni tal-proceduri fl-istanza li tkun qed tigi dibattuta u trattata. F’dan il-kuntest ukoll saret referenza adegwata mir-rikorrenti appellata fl-Affidavit taghha a fol 14, kemm ghall-proceduri per Citazz Numru 1481/93/GC kif ukoll ghall-ittri ufficjali, liema atti gew ezaminati mill-Bord kif hekk konstatat fis-sentenza appellata u stabbilit l-awtenticita` taghhom.

Ikun formalizmu esagerat jew spropozitu zejjed li jigi ritenut li t-tribunal ma ghandux, anke b’semplici riferenza, li del resto ma tirrikjedi l-ebda forma, jezamina atti ta’ procedimenti ohra, meta l-fatti jkunu ta’ siwi ghal kaz

ezaminat. Fir-rigward insibu l-pronunzjament fil-kawza riportata a **Vol XXXIV pII p490** fejn a propozitu gie deciz illi "il-provi li jkunu saru f'kawza civili, u li jkunu ddimostraw l-ezistenza ta' fattijiet determinanti, huma attendibbli u jistghu jigu nvokati f'gudizzju iehor sussegwenti bejn l-istess partijiet fejn titwieled disputa dwar l-istess fattijiet, minghajr ma jkun hemm bzonn li f'dak il-gudizzju sussegwenti jirrepetu ruhhom dawk il-provi; purke pero` dawk il-provi jkunu saru u ngabu fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forma li trid il-ligi."

Fic-cirkostanzi ghalhekk anke dawn iz-zewg aggravji ghandhom jitqiesu nsostenibbli.

Kwantu ghall-hames aggravju jidher evidenti illi l-appellanti nterpretaw hazin l-osservazzjoni li saret mill-Bord.

Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti r-rikorrenti appellata ma talbetx it-terminazzjoni tal-kirja izda koerentement mad-disposizzjonijiet tal-Kap 69 talbet li tigi awtorizzata tiehu lura l-pussess tal-fond. Li jfisser f'termini ohra li t-talba taghha kienet dik li l-kirja ma tigix imgedda. Naturalment in vista ta' dak riskontrat fl-iskrittura ta' lokazzjoni kwalsiasi talba bhal din, una volta akkolta, ma setghetx imbaghad ma jkollhiex referenza ghall-iskadenza partikolari konvenuta tal-1 ta' Marzu 2004. F'dan is-sens allura l-gudizzju tal-Bord ma jistghax jitqies censurabbli. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Kwantu ghall-ahhar aggravju ghandu jigi qabel xejn notat illi t-talba tal-appellanti ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex setghu jappellaw mid-digriet moghti li cahad it-talba taghhom ghall-produzzjoni tax-xhud rapprezentant tal-MFA saret in extremis jumejn biss qabel is-sentenza, meta apparentement l-istess rikors taghhom lanqas kien ghadu ngieb ghall-attenzjoni tal-Bord. Fit-tieni lok ghandu jinghad illi bil-fatt tal-istess pronunzjament tas-sentenza dak il-Bord, anke jekk mhux espressament, kien tacitament qed jichad it-talba kontenuta fl-istess rikors. Fit-tielet lok jigi osservat ukoll illi ma ntalbetx ukoll in-

nullita` tas-sentenza ghal dik ir-raguni kwalifikata mill-appellanti bhala difett procedurali ta' certa portata. Fir-raba' lok qed jigi sottolinejat illi dak l-istess rikors u talba ma setghux hlief jitqiesu tentattiv ahhari tal-appellanti biex jigu dilungati l-proceduri. Dan anke ghaliex, kif ampjament gie rifless superjorment, l-istess talba jew appell minn kull digriet li seta' jinghata ma kienx ser izid jew inaqqas xejn minn dak li gja kien jidher tant ovvju mill-istess atti u mill-principji tal-ligi applikabbli u fuq ezaminati. Anke allura dan l-aggravju qed jigi rigettat.

Ghal motivi kollha fuq konsiderati l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata tal-Bord konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati mill-Club appellant. Ghall-fini tal-izgumbrament qed jigi prefiss lill-istess Club terminu perentorju ta' erba' xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------